

Risposta għal ilment multiplu dwar allegat ksur tar-regoli tal-UE, min-naħa tal-Italja, dwar in-nondiskriminazzjoni u l-protezzjoni tal-għalliema għal żmien fiss — ittra ta' għeluq

Numru ta' referenza: CHAP (2021)03439

Il-Kummissjoni Ewropea rċeviet għadd kbir ta' lmenti b'rabta man-nuqqas ta' rikonossiment tar-rekord tal-impjeg tal-għalliema fl-hekk imsejħa “scuole paritarie” (skejjel privati akkreditati) meta jiġi ddeterminat il-grad ta' remunerazzjoni tagħhom meta jidħlu mas-servizz pubbliku bħala għalliema permanenti. Fi kliem ieħor, l-anzjanità li jiksbu meta jaħdmu fl-iskola privata akkreditata ma tiġix meqjusa.

L-ilmentaturi jindikaw li s-sistema edukattiva nazzjonali Taljana tikkonsisti minn skejjel tal-istat u skejjel privati akkreditati. Kategorija waħda minn dawn l-iskejjel privati akkreditati huma l-hekk imsejħa “scuole paritarie” jiġifieri l-iskejjel fejn wieħed irid iħallas biex jattendihom imma li jsegwu s-sillabu tal-iskola tal-Istat. L-akkreditazzjoni tingħata lill-iskejjel mhux statali li japplikaw għaliha, dment li dawn jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet, stipulati mill-Istat, pereżempju fir-rigward tal-kwalifiki tal-għalliema. L-impjegatur tal-għalliema f'dawn il-każijiet mhuwiex l-Istat, iżda l-iskola privata.

Filwaqt li l-esperjenza miksuba f'ċerti kategoriji fi skejjel privati akkreditati bħal “scuole pareggiate” u “scuole parificate” hija rikonossuta għall-fini ta' għoti ta' kuntratti ta' tagħlim għal żmien fiss u ta' grad ta' remunerazzjoni determinanti lil għalliem ta' impjeg sussegwenti fl-iskola tal-Istat, l-ilmentaturi jindikaw li, skont l-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297 tas-16 ta' April 1994, il-Ministeru tal-Edukazzjoni Taljan ma jirrikonossix din l-esperjenza għad-determinazzjoni tal-grad ta' remunerazzjoni ta' għalliema reklutati ġodda, ġejjin mill-“scuole paritarie”.

Il-Kummissjoni daħħlet dawn l-ilmenti fir-reġistru ċentrali tal-ilmenti bin-numru ta' referenza CHAP(2021)03439.

Minħabba l-għadd sinifikanti ta' ilmenti li rċeviet dwar dan is-suġġett, il-Kummissjoni qed tippubblika l-konferma li l-ilmenti waslu għandha u anki ittra ta' qabel l-għeluq fuq il-[paġna iddedikata tas-sit Ewropa](#), bil-ħsieb li twieġeb malajr u tinforma lil dawk ikkonċernati kif ukoll tqis l-interess pubbliku potenzjalment usa' fil-kwistjoni li qajmu l-ilmentaturi.

Fis-16 ta' Novembru 2021 b'reazzjoni għall-ittra ta' qabel l-għeluq, xi ilmentaturi issottomettew reġistrazzjoni bil-vidjo.

Barra minn hekk, fis-17 ta' Novembru 2021 xi ilmentaturi issottomettew ukoll ittra li tiddikjara r-raġunijiet li għalihom huma jqisu li l-Italja kisret id-drittijiet tal-għalliema.

L-argumenti mressqa f'dan il-vidjo tas-16 ta' Novembru 2021 u l-ittra tas-17 ta' Novembru 2021 huma simili għal dawk fl-ilmenti oriġinali, b'mod partikolari:

1. Li n-nuqqas ta' rikonossiment tar-rekord tal-impjeg tal-għalliema fi “scuole paritarie” (skejjel privati akkreditati) għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-grad ta' remunerazzjoni tagħhom meta jidħlu fis-servizz pubbliku b'kuntratt permanenti fi skola tal-Istat jikser il-Klawżola 4 tal-Ftehim Qafas anness mad-Direttiva dwar Xogħol għal Żmien Fiss (id-Direttiva 1999/70/KE).

2. Li n-nuqqas ta' rikonossiment tar-rekord tal-impjeg tal-għalliema fi “scuole paritarie” (skejjel privati akkreditati) għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-grad ta' remunerazzjoni

tagħhom meta jidħlu fis-servizz pubbliku b'kuntratt permanenti fi skola tal-Istat jikser id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/78/KE.

3. Li n-nuqqas ta' rikonoxximent tar-rekord tal-impjeg tal-għalliema fi "scuole paritarie" (skejjel privati akkreditati) għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-grad ta' remunerazzjoni tagħhom meta jidħlu fis-servizz pubbliku b'kuntratt permanenti fi skola tal-Istat jikser id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/54/KE.

4. Li n-nuqqas ta' rikonoxximent tar-rekord tal-impjeg tal-għalliema fi "scuole paritarie" (skejjel privati akkreditati) għall-fini tad-determinazzjoni tal-grad ta' remunerazzjoni tagħhom meta jidħlu fis-servizz pubbliku b'kuntratt permanenti fi skola li mhijiex konformi mal-ġurisprudenza tal-QĠUE fil-kawża C-677/16 Montero Mateos.

Analiżi legali tal-erba' argumenti mressqa mill-ilmentaturi

1. Rigward ir-rispett tal-Klawżola 4 tal-Ftehim Qafas dwar xogħol għal żmien fiss (Direttiva 1999/70/KE)

Iż-żewġ għanijiet ewlenin tal-Ftehim Qafas dwar xogħol għal żmien fiss¹ huma li l-ħaddiema li huma impjegati b'kuntratti għal żmien fiss ma jsofrux diskriminazzjoni mhux ġustifikata u li kuntratti suċċessivi għal żmien fiss bejn l-istess impjegatur u l-istess impjegat għall-istess xogħol għandhom jiġu evitati, u, f'każ ta' abbuż, għandhom jiġu ssanzjonati.

Il-klawżola 4 tal-Ftehim Qafas tipprobixxi lil impjegaturi milli jittrattaw lill-ħaddiema għal żmien fiss b'mod inqas favorevoli mill-ħaddiema permanenti fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-impjeg tagħhom, sakemm it-trattament differenzjali ma jkunx jista' jiġi ġġustifikat fuq bażi oġġettiva. Madankollu, din il-klawżola ma tapplikax għal diskriminazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-impjeg ta' kategoriji differenti ta' ħaddiema għal żmien fiss.

Fil-vidjo messaġġ tagħhom, l-ilmentaturi jsostnu li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni ġie miksur, peress li s-snin ta' servizz b'kuntratti għal żmien fiss huma rikonoxxuti, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-grad ta' remunerazzjoni u għall-finijiet ta' mobilità, għall-għalliema fl-iskejjel tal-Istat, iżda mhux għall-għalliema fi skejjel privati akkreditati mill-Istat li mbagħad jidħlu fis-servizz pubbliku b'kuntratt permanenti.

Essenzjalment, l-ilmentaturi jiddikjaraw li n-nuqqas ta' rikonoxximent tar-rekord tal-impjeg tal-għalliema fi "scuole paritarie" (skejjel privati akkreditati) għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-grad ta' remunerazzjoni tagħhom meta jidħlu fis-servizz pubbliku b'kuntratt permanenti fi skola tal-Istat jikser il-Klawżola 4 tal-Ftehim Qafas.

Huma jirreferu, b'mod partikolari, għal-linji gwida tal-ftehim kollettiv rilevanti li jeskludi milli jqis servizzi preċedenti mwettqa fi "scuole paritarie" abbażi tal-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv 297/94, li jirreferi għall-ekwivalenza bejn l-iskejjel tal-Istat, "scuole pareggiate" u "scuole parificate" (madankollu, mhux scuole paritarie). Fl-1994 l-hekk imsejħa "scuole paritarie" ma kinux jeżistu. Id-Digriet-liġi Nru 250/2005 stabbilixxa l-hekk imsejħa "scuole paritarie" bħala tip wieħed ta' skejjel mhux statali

¹ Il-Ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li huwa anness mad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP, ĠU L 175, 10.7.1999, p. 43-48.

(akkreditati) li jinkludu kategoriji preċedenti ta' skejjel mhux statali (akkreditati) (scuole autorizzate, pareggiate, parificate u scuole legalmente riconosciute).

Il-paragun f'dan il-każ huwa bejn għalliema li huma ħaddiema għal żmien fiss fi skola tal-Istat versus għalliema li huma ħaddiema għal żmien fiss fi skejjel privati akkreditati mill-Istat, jew ukoll bejn għalliema li huma ħaddiema għal żmien fiss fi scuola paritaria versus għalliema li huma ħaddiema għal żmien fiss fi scuola pareggiata u scuola parificata.

It-trattament differenzjali bejn għalliem għal żmien fiss u għalliem ieħor għal żmien fiss skont jekk l-impjegatur huwiex skola tal-Istat jew skola privata akkreditata mill-Istat, ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Qafas dwar xogħol għal żmien fiss.

Barra minn hekk, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Klawżola 4 tal-Ftehim Qafas, it-trattament differenzjali għandu jkun dovut biss għall-istatus tal-ħaddiem għal żmien fiss. Dan ma huwiex il-każ fis-sitwazzjoni deskritta mill-ilmentaturi, peress li kemm l-għalliema għal żmien fiss kif ukoll l-għalliema permanenti tal-“scuole paritarie” ma titqisilhomx l-anzjanità miksuba f'dawn l-iskejjel meta jsiru għalliema permanenti fi skola tal-Istat.

Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li s-sitwazzjoni tal-ilmentaturi ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Qafas dwar xogħol għal żmien fiss anness mad-Direttiva 1999/70/KE.

2. Rigward ir-rispett tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/78/KE

L-ilmentaturi jsostnu li hemm trattament differenti bejn l-għalliema prekarji fl-“scuole paritarie” u l-għalliema prekarji fl-iskejjel tal-Istat, filwaqt li t-tnejn li huma jappartjenu għas-sistema nazzjonali tat-tagħlim u għandhom l-istess obbligi legali u kuntrattwali. Huma jsostnu li dan jikser id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/78/KE.

Madankollu, id-Direttiva 2000/78/KE tipprojbixxi d-diskriminazzjoni bbażata fuq għadd ta' raġunijiet elenkati b'mod eżawrjenti, jiġifieri r-reliġjon, l-età, id-diżabilità u l-orjentazzjoni sesswali. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-ilmentaturi, ma jidhirx li hemm diskriminazzjoni bbażata fuq tali raġunijiet f'dan il-każ.

3. Rigward ir-rispett tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/54/KE

L-ilmentaturi jsostnu li hemm ksur tal-prinċipju ta' paga ndaqs għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali stabbilit fl-Artikolu 141 tat-Trattat ta' Amsterdam u d-Direttiva 2006/54/KE. L-għalliem permanenti fi skola tal-Istat li jkun kiseb rikonoxximent tas-servizz imwettaq wara r-reklutaġġ bħala għalliem permanenti u ta' servizzi mwettqa bħala għalliem għal żmien fiss fi skejjel tal-Istat, jiġi kklassifikat fi grad ta' salarju li jikkorrispondi għas-snin ta' servizz, filwaqt li għalliem permanenti fi skola tal-Istat li jkun wettaq servizzi bħala għalliem għal żmien fiss fi “scuola paritaria” jitqiegħed fi skala aktar baxxa peress li l-esperjenza preċedenti tiegħu ma titqiesx, anke jekk ikun ħadem aktar fit-tul.

L-ilmenti jsostnu li dan jikser il-prinċipju ta' paga ndaqs għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali kif minqux fid-Direttiva 2006/54/KE.

Madankollu, id-Direttiva 2006/54 u l-Artikolu 157 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea² jipprojbixxu biss id-diskriminazzjoni bejn l-irġiel u n-nisa. Huma ma jipprojbixxux diskriminazzjoni ibbażata fuq ir-raġuni mqajma mill-ilmenti. Barra minn hekk, l-ilmentaturi ma jargumentawx l-eżistenza ta' diskriminazzjoni indiretta bejn l-irġiel u n-nisa fis-sitwazzjoni li jilmentaw dwarha (pereżempju, minħabba l-għadd ħafna oġhla ta' għalliema li ġejjin mill-“scuola paritaria” li huma għalliema ta' sess partikolari).

4. Rigward il-pożizzjoni tal-QĠUE f'C-677/16 Montero Mateos

Fil-Kawża C-677/16 Montero Mateos, il-QĠUE iddeċidiet li:

“Il-punt (1) tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li jinsab fl-anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tipprevedi l-ħlas ta' ebda kumpens lill-ħaddiema impjegati permezz ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat konklużi sabiex tiġi koperta temporanjament pożizzjoni ta' xogħol matul il-proċedura ta' reklutaġġ jew ta' promozzjoni sabiex timtela definittivament l-imsemmija pożizzjoni, bħalma huwa l-kuntratt ta' tranżizzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, mal-iskadenza tal-perijodu li għalih kienu ġew konklużi dawn il-kuntratti, meta fl-istess ħin jingħata kumpens lill-ħaddiema għal żmien indeterminat fl-okkażjoni tax-xoljiment tal-kuntratt ta' xogħol tagħhom minħabba raġuni oġġettiva.”

Il-fatti tal-każ huma relatati mal-leġiżlazzjoni nazzjonali Spanjola li ma tipprevedi l-ebda kumpens x'jitħallas lill-ħaddiema impjegati b'kuntratt għal żmien fiss, liema kuntratt ikun sar sabiex ikopri temporanjament pożizzjoni ta' impjieg matul il-proċedura ta' għażla jew promozzjoni sabiex timtela l-pożizzjoni b'mod permanenti, ladarba jiskadi ż-żmien kopert mill-kuntratt, filwaqt li tgħid li l-kumpens huwa dovut lil ħaddiema permanenti meta l-kuntratt tal-impjieg tagħhom jiġi tterminat għal raġunijiet oġġettivi.

Dan il-każ dwar il-ħlas ta' kumpens mhuwiex relatat mal-ilment kif imressaq mill-ilmentaturi, li huwa lment dwar l-anzjanità li ma titqiesx.

Konklużjoni

L-ilment jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-UE.

Jekk l-ilmentaturi huma tal-opinjoni li din il-prattika tikser il-liġi Taljana, huma jistgħu jfittxu rimedju quddiem il-qorti nazzjonali.

L-ilmentaturi semgħu li l-każ ġa tressaq quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, li skont l-ilmentaturi ddeċidiet fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Lulju 2021 li “mhuwiex illegali li xogħol pre-permanenti fi skejjel privati akkreditati mill-Istat ma jitqiesx għall-finijiet ta' rikostruzzjoni tal-karrieri fl-iskejjel tal-Istat”. F'dan il-kuntest, l-awtoritajiet nazzjonali, inklużi l-imħallfin nazzjonali, jibqgħu esklussivament kompetenti biex jivvalutaw jekk is-sitwazzjoni kurrenti hijiex diskriminatorja u jekk għandhomx jingħataw rimedji xierqa.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għalqet dan l-ilment.

² Li ssostitwixxa l-Artikolu 141 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' qabel.

